MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 329/2007

**A f'isimha proprju u għan-nom tal-minuri B.**

**-vs-**

**C u Direttur tar-Reġistru Pubbliku.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-10 ta' Awissu, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet umilment:

1. Illi l-partijiet kienu żżewġu fit-13 ta' Marzu, 1997;

2. Illi huma għandhom tlett itfal D, E u B.

3. Illi l-aħħar minuri B twieled fit-28 ta' Frar, 2006 u skond iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu missieru jidher li

mhux magħruf *stante* li twieled meta l-partijiet kienu separati u fuq iċ-ċertifikat jidher li kunjom it-tifel huwa F;

4. Illi m'hemm l-ebda dubju li l-konvenut huwa l-missier naturali tat-tifel B ukoll;

5. Illi l-konvenut qed jirrifjuta li jirrikonoxxi lill-minuri B biex ma jħallas xejn bħala manteniment għalih;

Għaldaqstant jgħidu l-konvenuti għalfejn din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenut C huwa l-missier naturali u bioloġiku tal-minuri B *occorrendo* b'test tal-paternita' jekk ikun il-każ.

2. Tordna li l-att tat-twelid ta' l-istess minuri B jiġi korrett fis-sens li jiġi mħassar mill-iskrizzjoni relattiva kull fejn jirrikorru l-kliem 'Missier mhux magħruf jew *unknown father*' u sostitwiti bil-kliem 'C' u jiġu nseriti fil-kolonni rispettivi l-partikolaritajiet kollha l-oħra li jirriżultaw mill-Att tat-Twelid ta' l-istess C u kunjom it-tifel jiġi *"tal-konvenut C"* u mhux F.

3. Tiddikjara wkoll li l-konvenut C bħala missier il-minuri B hawn indikat għandu l-obbligu li jmantni u jeduka l-istess minuri u dan b'effett mid-data tat-twelid ta' l-istess minuri.

4. Tillikwida jekk ikun il-każ bl-opera ta' perit nominandi, ammont ta' manteniment li għandu jkun pagabbli mill-konvenut C lill-attriċi bħala manteniment għall-minuri nkluż l-arretrati ta' l-istess mid-data tat-twelid ta' l-istess minuri, filwaqt li tistabbilixxi wkoll il-modalitajiet ta' kif għandu jitħallas il-manteniment u ta' kif għandu jiġi rivedut u awmentat.

5. Tordna u tikkundanna lill-konvenut C sabiex iħallas lill-attriċi dik is-somma ta' manteniment hekk likwidata fit-talba preċedenti bil-modalitajiet u termini kif stabbiliti nkluża wkoll l-arretrati ta' l-istess manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut C li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta’ dokumenti.

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ l-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fit-30 ta’ Ottubru, 2007, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-esponent m’huwiex il-leġittimu kontradittur fir-rigward tat-tielet, tar-raba’ u tal-ħames talbiet dedotti fir-rikors ġuramentat.

2. Illi preliminarjament ukoll fil-mertu l-esponent m’huwiex edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti għandha tispeċifika d-dettalji personali kollha ta’ l-allegat missier naturali, u *cioe’* ta’ l-intimat C sabiex jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqgħu, dawn id-dettalji jkunu jistgħu jiġu nseriti fil-kolonni rispettivi fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-Artiklu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m’huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta’ l-intimat, li għaldaqstant m’għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta’ l-istanti.

6. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x’jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut C, ippreżentata fil-31 ta’ Ottubru, 2007, li permezz tagħha bil-qima qal:

1. Illi fl-ewwel lok il-minuri B mhux rappreżentat kif suppost skond il-liġi, u dan *ai termini* ta’ dak li ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet *Carmen Zammit et vs. Wail Dadouch et* mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta’ Frar, 2003.

2. Illi fit-tieni lok kwantu jirrigwarda l-ewwel u t-tieni talba tar-rikors promotur, dawn iridu jiġu ppruvati skond il-liġi, u sakemm dan ma jiġix ippruvat, dawn it-talbiet għandhom jiġu miċħuda kontra l-istess attriċi.

3. Illi dwar it-tielet, ir-raba’ u l-ħames talba, u *cioe’* dik sabiex jiġi dikjarat li l-konvenut huwa tenut iħallas manteniment għall-imsemmi minuri, din għandha tiġi riġettata jekk ma jiġux sorretti l-ewwel u t-tieni talba, pero’ fi kwalunkwe każ talba bħal din ma setgħetx issir fil-kawża odjerna peress li hija għal kollox irritwali u dan *stante* li fid-dawl ta’ l-Avviż Legali 397 ta’ l-2003 li jistabbilixxi l-medjazzjoni, l-ewwel kellha tiġi esperita l-proċedura hemm indikata.

4. Illi *data ma non concesso* li jiġu miċħuda l-ewwel tliet eċċezzjonijiet, it-talba għal-likwidazzjoni tad-danni mid-data tat-twelid tal-minuri m’hijiex sostenibbli, peress li l-obbligu tal-manteniment jiskatta mid-data tad-deċiżjoni li tistabbilixxi li l-konvenut huwa l-missier naturali u bioloġiku tat-tarbija msemmija fil-kawża, u dan anke in mankanza ta’ provvediment speċjali fil-liġi li jagħti effett lil sentenzi ta’ din ix-xorta b’mod retroattiv.

5. Illi bla preġudizzju għas-suespost, fi kwalunkwe każ il-manteniment irid ikun wieħed illi ma jiġix spustat unikament fuq il-konvenut, anke fid-dawl ta’ l-emendi ntrodotti fl-1993, iżda għandu wkoll jittieħed kont li l-omm għandha skond iċ-ċirkostanzi wkoll l-obbligu li tmantni l-imsemmi tifel, bl-istess mod li talvolta jista’ jkollu l-konvenut.

6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qiegħda titlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellha u reġistrata bħala iben missier mhux magħruf jiġi dikjarat bħala iben il-konvenut C. Il-partijiet huma miżżewġin, iżda dak iż-żmien tat-twelid tat-tifel imsemmi kienu separati legalment. Il-konvenut għall-ewwel ikkontesta t-talba u għal ħafna żmien ma qagħadx għat-test tad-DNA, iżda eventwalment ammetta t-talba.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet <u>Josianne Giusti vs Pierre Giusti et</u> deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk:

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artiklu 77 tal-Kodiċi Civili (<u>Spiteri pro et noe vs Cilia et</u>, fost oħrajn, 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħeda mhux biżżejjed (Artiklu 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba attriċi, u anke f'dan il-każ hemm ammissjoni. Fir-rigward tat-talbiet l-oħra pero', dawn huma ntempestivi peress li l-ewwel il-partijiet iridu jissottomettu ruħhom għall-proċedura tal-medjazzjoni skond il-liġi.

**Għaldaqstant il-Qorti fl-ammissjoni tal-konvenut tilqa' l-ewwel żewġ talbiet ta' l-attriċi u tiddikjara lill-konvenut C missier naturali tal-minuri B u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jirreġistra l-**

**korrezzjonijiet neċessarji fl-att tat-twelid numru ___ ta' l-___ billi jiġu mniżżla l-konnotati ta' l-istess konvenut kif indikati fil-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2008 minflok li l-minuri jkun dikjarat iben missier mhux magħruf. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet l-oħra peress illi ntempestivi.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi u l-konvenut C solidalment bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------